

### Domandi preliminari

- 1) Fid-dawl tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li jirriżulta mill-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI tal-24 ta' Lulju 2008 dwar it-teħid in konsiderazzjoni ta' kundanni fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea waqt proċedimenti kriminali ġodda <sup>(1)</sup>, u fil-kuntest tal-Artikolu 3(5) ta' din id-deċiżjoni qafas, fil-każ ta' kumulu ta' pjeni relatati ma' kundanni mogħtija fil-Ġermanja u fi Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea, tista' tiġi imposta piena għal reat imwettaq fit-territorju nazzjonali anki jekk l-inklużjoni teoretika tal-piena mogħtija fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni taqbeż il-limitu massimu awtorizzat fid-dritt Ġermaniż għal pjeni ta' priġunerija?
- 2) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

It-teħid inkunsiderazzjoni tal-piena imposta fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni, kif previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 3(5) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/675/ĠAI, għandu jsir b'mod li l-iżvantaġġ li jirriżulta mill-impossibbiltà li tiġi ddeterminata sussegwentement piena kumulattiva, skont il-prinċipji ta' kumulu ta' pjeni stabbiliti fid-dritt Ġermaniż, għandu jiġi konkretament ippruvat u ġġustifikat, waqt id-determinazzjoni tal-piena għall-ksur imwettaq fit-territorju nazzjonali?

<sup>(1)</sup> ĠU 2008, L 220, p. 32.

**Appell ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2022 minn Ryanair DAC mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla Estiża) fit-22 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-657/20, Ryanair vs Il-Kummissjoni (Finnair II; Covid-19)**

**(Kawża C-588/22 P)**

(2022/C 424/44)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

*Appellant:* Ryanair DAC (rappreżentanti: V. Blanc u F.-C. Lapr votte, avocats, D. P rez de Lamo u S. Rating, abogados, E. Vahida, avocat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Finlandja

### Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tiddikjara, skont l-Artikoli 263 u 264 TFUE li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2020) 3970 final tad-9 ta' Ġunju 2020 C(2020) 3970 final tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.57410 (2020/N) – Il-Finlandja COVID-19: Rikapitalizzazzjoni ta' Finnair hija bla effett; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż rispettivi tagħha u għal dawk sostnuti mill-appellanti, u tordna li l-intervenjenti fl-ewwel istanza u fl-appell (jekk ikun il-każ) isostnu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha r-rikorrenti tinvoka erba' aggravji.

L-ewwel aggravju bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u manifestament żnaturat il-fatti meta ħadhet l-eżistenza ta' "dubji serji" fir-rigward tal-applikazzjoni żbaljata tal-Qafas Temporanju u l-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

It-tieni aggravju bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u manifestament żnaturat il-fatti meta ħadhet l-eżistenza ta' "dubji serji" fir-rigward tal-ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità.

It-tielet aggravju bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u manifestament żnaturat il-fatti meta ħadhet l-eżistenza ta' "dubji serji" fir-rigward tal-ksur tal-libertajiet fundamentali ta' stabbiliment u ta' provvista ta' servizzi.

Ir-raba' aggravju bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Qorti Ġenerali u il-Kummissjoni naqsu milli jipprovdu motivazzjoni xierqa.

---

**Rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika**

**(Kawża C-599/22)**

(2022/C 424/45)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: D. Triantafyllou, B. Sasinowska u G. Wilms)

Konvenut: Ir-Repubblika Ellenika

**Talbiet**

Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tiddikjara li r-Repubblika Ellenika, billi ma adottatx il-miżuri neċessarji sabiex tiggarrantixxi li l-fornitur ta' servizzi ta' traffiku fl-ajru (ATS) stabbilit minnha jikkonforma ruħu mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2009 <sup>(1)</sup>, naqset mill-obbligi tagħha imposti mill-Artikolu 4(3) TUE flimkien mal-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009.
- tikkundanna lil ir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-Repubblika Ellenika damet iktar minn tliet snin sabiex tikkonforma ruħha mar-Regolament Nru 29/2009 għal dak li jirrigwarda l-garanzija tal-provvista tas-servizzi ta' kollegament ta' data għall-Ajru Uniku Ewropew.

---

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-dejta għall-Ajru Uniku Ewropew, ĠU 2009, L 13, p. 3.

---

**Appell ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2022 minn ABLV Bank AS, fi stralċ, mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla Estiża) fis-6 ta' Lulju 2022 fil-Kawża T-280/18, ABLV Bank vs SRB**

**(Kawża C-602/22 P)**

(2022/C 424/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: ABLV Bank AS, fi stralċ (rappreżentanti: O. Behrends, Rechtsanwalt)

Partijiet oħra fil-proċedura: Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata;